**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 25 ta' Gunju, 2025**

Numru 10

**Appell Nru. 1/2025**

**Matthew Aquilina**
**vs**

**L-Awtorita' tal-Ippjanar u**
**l-kjamat in kawza Matthew Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terz Matthew Aquilina tat-25 ta' Frar 2025 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-6 ta' Frar 2025 li biha ikkonferma l-permess PA1789/23 'to sanction ATM machine and ticket booth', f'San Giljan;

Rat ir-risposta tal-applikant u l-Awtorita li ssottomettew li l-appell kellu jigi michud ghar-ragunijiet minnhom moghtija;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li safejn relevanti ghal dan l-appell tghid hekk:

Ikkunsidra:
L-Ewwel, il-Hames u s-Sitt Aggravji:
Illi permezz ta' dawn it-tlett aggravji, l-appellant qieghed jallega li l-proposta odjerna hija fi ksur ta' numru ta' policies applikabbli ghas-sit, li jinkludu l-policies NHRL06 u NHSE 08 talPjan Lokali ghall-Portijiet tat-Tramuntana, kif ukoll il-policy P2 tal-linja gwida DC15. Illi minnaha l-ohra, l-Awtorita' targumenta li filwaqt li l-policy P2 tal-linja gwida DC15 ma ssibx applikabilita' ghall-proposta odjerna u b'mod partikolari ghall-karatteristici ta' fejn jinsab issit odjern, tenut li din il-policy titkellem partikolarment fuq kunsiderazzjonijiet topografici, f'dak li jirrigwarda l-policies kwotati mill-Pjan Lokali, l-Awtorita' ssostni li wiehed ghandu jhares lejn l-stampa wiesgha u l-commitment ta' dak ezistenti kemm biswit u fil-madwar ta' din l-istruttura li hija fuq skala zghira u rtirata mill-promenade, b'dana li mhux tohloq xi ostakolu vizwali.
Illi fl-ewwel lok, it-Tribunal ha konjizzjoni tal-proposta odjerna u tal-kuntest li jdawwar is-sit, u seta' jikkonstata li l-istruttura in mertu, u li ghaliha qed jintalab sanzjonar tkopri madwar 12-il metru kwadru b'gholi ta' madwar 2.7 metri [Vide pjanti approvati a fol 154b u 154c fl-inkartament tal-PA1789/23]. Illi din l-istruttura tifforma parti mis-sit tan-Neptunes Waterpolo pitch u hija accessata permezz ta' tarag fil-livell -1 ta' dan ilkumpless, b'dana li ghalkemm fl-istess livell tal-promenade, l-istruttura ezistenti u proposta ghas-sanzjonar ma testendix 'l barra fuq l-istess promenade u hija limitata biss ghall-konfini tal-kumpless tal-waterpolo, u dan kif jixhdu r-ritratti a fol 1d sottomessi fil-process talapplikazzjoni u dawk a fol 235c prezentati mill-applikant fil-mori tal-appell.
B'referenza ghall-kuntest tas-sit, it-Tribunal jinnota li din l-istruttura tinsab fl-istess livell u propju biswit strutturi kummercjali ohra tul il-promenade, u dan kif innutat mill-Awtorita' fir-risposta taghha. Illi fil-fatt l-istruttura in kwistjoni tinsab precizament fit-tarf lejn in-naha tan-Nofsinhar ta' serje ta' strutturi li jharsu u ghandhom access mill-promenade. Illi lizvilupp immedjatament biswit jikkonsisti f'lightwieght canopy structure u kiosk ghall-uzu ta' restaurant u cafeteria hekk kif approvati originarjament bil-permess PA 1992/02 u emendati bil-permess PA 4593/19 ghal estensjoni, fejn flimkien dawn l-istrutturi jkopru erja ta' madwar 212 metri kwadri u b'gholi li jwassal sa 3.64 metri [Vide pjanti approvati a fol 196a u 196b fl-inkartament tal-PA4593/19]. Illi biswit dawn iz-zewg strutturi giet approvata zona ohra ta' outdoor catering permezz tal-permess PA 4247/19 accessata minn l-istess livell tal-promenade, u li tkopri erja globali ta' madwar 75 metri kwadri. Illi madwar 19-il metru kwadru minnhom jinkludu zona ghal bar, service station u umbrelel b'gholi ta' 3.04 metri [Vide pjanti approvati a fol 157c fl-inkartament tal-PA4247/19].

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-policies tal-Pjan Lokali kwotati mill-appellant, fejn il-Policy NHRL 06 hija ntiza sabiex tirregola "Walkways/Heritage Trails/Cycle Routes". Illi hekk kif innutat mill-appellant fl-ewwel aggravju tieghu, is-sit odjern jaffronta promenade li twassal mill-Bajja ta' San Gorg salPieta', hekk kif indikat f'Mappa TR1 tal-Pjan Lokali, u fejn f'dan il-kaz il-Policy NHRL 06 tipprovdi s-segwenti:
In particular, MEPA will ensure that the following criteria will be strictly adhered to in any proposal that is likely to affect this promenade;
i. The continuity of the promenade will not be interrupted in any way;
ii. The promenade will be maintained at a sufficient width that is necessary to allowuninterrupted heavy pedestrian flows throughout its length;
iii. Temporary and permanent structures, and the placing of tables and chairs, will not beallowed where these will compromise the use of the promenade by interrupting heavy pedestrian flows; and iv. Temporary and permanent structures that obstruct views to the sea will not be allowed.

Illi ghalhekk huwa car li din il-policy tipprovdi ghal protezzjoni tal-promenade in kwistjoni billi permezz ta' l-ewwel tlett kriterji tfittex li tizgura li kwalunkwe zvilupp ma jostakolax ilkontinwita' tal-promenade u l-fluss tal-utenti numeruzi li jaghmlu uzu minnha. Nonostante dan, mis-suespost jirrizulta b'mod car li l-istruttura in kwistjoni bl-ebda mod ma testendi ghal fuq il-promenade in kwistjoni u ghalhekk mhux qed tikkomprometti l-integrita' funzjonali tal-istess promenade f'dak li jirrigwarda l-kontinwita' u l-fluss hieles tal-utenti, anki jekk l-utenti huma numeruzi. Illi minkejja dan, l-appellant jixhet enfasi fuq ir-raba' kriterju li jipprovdi li strutturi kemm temporanji kif ukoll permanenti b'ghandhomx jostakolaw veduti lejn il-bahar. Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota li l-estent talpromenade in kwistjoni li jwassal mill-Bajja ta' San Gorg sal-Pieta' huwa wiehed ferm estensiv, u fejn ghalhekk dan il-kriterju m'ghandux jittiehed b'mod ferm tassattiv ghal kull punt tul dan il-promenade. Illi dan it-Tribunal josserva li fil-fatt tul l-estent ta' dan ilpromenade jezistu diversi clusters ta' strutturi fl-istess livell tal-promenade u li jharsu ghal fuq il-bahar. Tant hu hekk, li z-zona li jifforma parti minnha s-sit in kwistjoni hija fil-fatt kommessa b'dan it-tip ta' cluster, hekk kif jirrizulta b'mod car mill-permessi nnutati minn dan it-Tribunal fis-suespost u

hekk kif indikat mill-Awtorita' u l-applikant fil-mori tal-appell meta jaghmlu referenza ghaz-zona gia kommessa.
Illi fid-dawl tal-commitments legali ezistenti deskritti fid-dettall supra, it-Tribunal iqis li listruttura proposta ta' 12-il metru kwadru, ghalkemm fil-livell tal-promenade, hija ta' daqs u skala ferm minima meta komparat mal-istrutturi l-ohra kontigwi, b'dana li l-impatt vizwali generali taghha huwa insinifikanti fejn il-kobor tal-istrutturi l-ohra li shanasitra wkoll jeccedu wkoll l-gholi tal-istruttura in mertu.
Illi, ghalhekk, filwaqt li l-appellant isostni li l-istruttura tostakola l-veduti lejn il-bahar, itTribunal jikkunsidra li l-istrutturi prezenti diga jiffurmaw parti mill-ambjent viziv u spazjali tal-promenade. Illi z-zieda ta' struttura minima immedjatament kontigwa ta' madwar 12-il metru kwadru, sikurament mhux qed taggrava materjalment l-ostruzzjoni tal-veduti meta mqabbla mal-istrutturi approvati u operattivi li gia jakkupaw din iz-zona bejn il-promenade u l-bahar. Illi, ghalhekk, dan it-Tribunal huwa fi qbil mal-Awtorita' li f'dan il-kaz ghandu jigi addottat approcc li huwa context-driven, b'dana li din ma hiex struttura stand-alone.
Illi t-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghall-policy NHSE 08 tal-Pjan Lokali kwotata millappellant fil-hames aggravju tieghu li tipprovdi li "MEPA will refuse development permission for any proposed development that is likely to have a detrimental effect on strategic views (as indicated in Map SE2) and local views of valley sides (as indicated in Map CV5), scheduled buildings or landmark buildings as viewed in their setting and/or against the skyline." Illi in sostenn ta' dan, l-appellant jaghmel referenza ghal Mappa CV2 tal-Pjan Lokali ghall-Portijiet tat-Tramuntana sabiex juri li z-zona hija wahda ta' sinifikat kulturali. Illi b'referenza ghal din il-Mappa, it-Tribunal josserva li fiz-zona tal-Bajja tal-Balluta hemm indikat dawk is-siti li huma skedati, filwaqt li josserva wkoll li l-Policy NHSE 08 li jaghmel referenza ghaliha l-appellant propju taghmel referenza ghal zewg Mapep ohra tal-Pjan Lokali, ossia l-Mappa SE2 li tidentifika 'Strategic View Lines', kif ukoll Mappa CV5 li tindika 'Valley Zones and Special Areas of Conservation'. Illi filwaqt li l-pozizzjoni tas-sit odjern m'ghandha l-edba konnessjoni diretta mal-eqreb Wied tal-Balluta hekk kif indikat fil-Mappa CV5, tant li l-veduta tal-Wied mill-istess pozizzjoni hija ostakolata b'numru ta' bini u strutturi ohra, il-Mappa SE2 tindika l-Balluta Buildings u l-Knisja tal-Karmnu, li jinsabu mannaha l-ohra tad-dahla tal-Bajja tal-Balluta, bhala Key u Local Landmarks rispettivament. Madanakollu, wiehed ma jistax jargumenta li l-veduti ghal dawn il-landmarks qed jigu ostakolati bl-istruttura odjerna, u dan kif jixhdu r-ritratti prezentati mill-applikant fil-mori tal-appell a fol 235b sa 235d, fejn jidher bic-car li tali binjiet ghadhom igawdu millprominenza li jisthoqqilhom, irrelevanti tal-istruttura inkwistjoni li bl-ebda mod m'hi xxekkel mil-linji ta' veduti strategici lejn dawn il-binjiet hekk kif jidhru mill-promenade.
Illi f'dak li jirrigwarda l-impatt detrimentali fuq bini skedat li titkellem dwaru l-istess policy, u liema binjiet skedati huma identifikati fil-Mappa CV2 tal-Pjan Lokali nnutata millappellant, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda guramentata tar-rapprezentant talSCH waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2024, prodott mill-appellant, u fejn b'referenza ghallahhar risposta ta' konultazzjoni a fol 160a jinghad li f'din ir-risposta l-SCH qed toggezzjona ghall-proposta ta' sanzjonar u dan tenut l-impatt tal-istruttura lejn propjetajiet skedati mannaha l-ohra tal-bajja. Illi huwa minnu li, oltre mill-Balluta Buildings u l-Knisja tal-Karmnu, li ghandhom l-oghla protezzjoni jezistu numru ta' binjiet ohra li huma skedati fit-tieni grad ta' protezzjoni. Madanakollu, filwaqt li t-Tribunal jirrikonoxxi l-importanza li tali veduti jigu protetti, l-istess Tribunal ma jistax iqis li l-istruttura ta' daqs u skala ferm minima u b'gholi limitat ser ikollha impatt detrimetali addizzjonali fuq tali binjiet skedati. Illi filwaqt li mirritratti prezentati mill-appellant jidher bic-car li tali veduti m'humiex qed jigu ostakolati blistruttura ezistenti u proposta ghas-sanzjonar, jibqa' validu wkoll l-argument tal-kuntest ezistenti li jifforma parti minnu s-sit odjern, u l-commitments legali fuq skala ferm ikbar tul l-istess medda tal-promenade li jrendu l-istruttura in mertu bhala wahda insinifikanti. Ghaldaqstant, it-Tribunal lanqas m'hu fi qbil mal-appellant li l-proposta odjerna hija fi ksur tal-policy NHSE 08 tal-Pjan Lokali.
B'referenza ghall-policy P2 tal-linja gwida DC15 kwotata mill-appellant fis-sitt aggravju tieghu, dan it-Tribunal huwa fi qbil mal-Awtorita' li tali policy ma ssibx applikabilita' f'dak li jirrigwarda l-karatteristici tas-sit in mertu. Illi din il-policy propju tirrigwarda kunsiderazzjonijiet topografici b'referenza ghal siti ppozizzjonati 'at the edge of a development zone where the topography is sloping', 'sloping street frontages', jew 'frontages on two streets located at different site levels', u fejn f'dawn il-kazijiet il-policy titlob li "it will be critical for the design proposal to fit as seamlessly as possible within the particular topography, reflecting the profile and basic contours/levels that characterise the particular site, rather than trying to compete with them and resulting in a significant visual impact". Illi filwaqt li l-kwistjoni tal-impatt vizwali gia giet ampjament diskussa fis-suespost, it-Tribunal iqis li s-sit ma jaqax fix-xenarji topografici intizi b'din il-policy u dan tenut li m'hemmx pendil jew differenza fit-topografija sinifikanti, izda, ghall-kuntrarju, is-sit talWaterpolo club huwa gia kommess b'numru ta' strutturi msaqqfa sa l-istess livell talpromenade, u fil-fatt l-istruttura hija porposta fuq art gia okkupata minn tarag li jwassal

sallivell tal-promenade. Illi l-hajt t'appogg mikxuf li l-appellant jesprimi kontenzjoni dwaru f'dan l-istess aggravju, ossia fuq in-naha ta' wara tal-istruttura, ikopri biss 13-il metru kwadru [Vide l-pjants approvati a fol 154c fl-inkartament tal-PA1789/23], u ghalhekk huwa ta' skala negligibbli meta wiehed ihares lejh min-naha opposta talbajja li tinsab f'distanza bejn 80 u 100 metru 'l boghod. Barra minn hekk, tali negligibilita' tkompli ssib sostenn bil-prezenza ta' numru ta' strutturi ferm akbar kemm fil-livell tal-taht, ossia Level -1 tal-Waterpolo pitch, li huwa vizibbli wkoll min-naha l-ohra tal-bajja, kif ukoll tul l-istess medda li taffronta l-promenade fl-istess livell tieghu.
Illi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha huwa evidenti li l-iskala ferm limitata tal-istruttura in kwistjoni, meta kkumparata ma' strutturi ohra fil-kuntest immedjat, ma tiggustifikax ir-rifjut tal-proposta odjerna abbazi tal-policies citati mill-appellant.
Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel, il-hames u s-sitt aggravji mressqa mill-appellant.

It-Tieni Aggravju:
Illi permezz tat-tieni aggravju, l-appellant jargumenta li l-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra l-Artikolu 72(2) tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta u dan tenut li l-proposta tmur direttament kontra l-pjanijiet u l-policies taz-zona, filwaqt li l-oggezzjoni tal-SCH a fol 160a giet ukoll injorata mill-Kummissjoni.
Illi fl-ewwel lok, it-Tribunal josserva li l-appellant f'dan l-aggravju jonqos milli jindika b'mod specifiku liema huma dawk il-policies prevalenti li gew injorati, u b'hekk ma' hemm xejn x'wiehed jikkunsidra f'dan ir-rigward, filwaqt li t-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghal dak li gie kkunsidrat minnu fl-aggravji precedenti li fihom gew mressqa lmenti dwar ksur ta' policies.

Illi fir-rigward tat-thassib imqajjem mill-SCH, kif indikat aktar kmieni dan primarjament jirrigwada l-impatt tal-istruttura in kwistjoni lejn propjetajiet skedati man-naha l-ohra talbajja. Jirrizulta li dan it-thassib u r-rakkomandazzjoni tal-SCH gie rifless fl-evalwazzjoni tacChairperson Ezekuttiv a fol 167a, bis-segwenti kunsiderazzjonijiet:
"Whilst the use of the structure poses no concern, in that the use is directly linked to the touristic nature of the area, the massing and location of the structure is considered as a sensitive issue. As noted by the Superintendence of Cultural Heritage, the structure will impinge on views of the scheduled buildings across the bay, as well as obstruct sea views, a concern raised through Policy NHRL 06 of the North Harbours Local Plan, in what is considered an already cluttered promenade. Nevertheless, the Directorate is of the opinion that as a result of the current context, that it is located adjacent to existing structures, the fact that the structure does not lie within a designated setting for a scheduled building / monument, as well as the limited size of the building, the proposal can be favourably considered."

Illi mis-suespost huwa ampjament car li r-rakkomandazzjonijiet tal-SCH ma' gewx injorati, u filwaqt li l-Awtorita' ma qablitx ma' dak kollu li gie rrakomandat propju minhabba l-commitments tal-istrutturi li jezistu fil-kuntest immedjat tas-sit, dan ma jirrizultax fi ksur tal-Artikolu 72 ta' Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta f'dak li jirrigwarda raprezentazzjonijiet mressqa millkonsulenti esterni. It-Tribunal jenfasizza li l-oggezzjonijiet kontra zvilupp li jitressqu quddiem l-Awtorita' jridu jigu dejjem meqjusa mill-Kummissjoni fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni. Pero', u filwaqt li kull kaz ghandu jitqies fuq il-merti u c-cirkostanzi partikolari tieghu, ma jfissirx li numru ta' oggezzjonijiet li jitressqu mill-konsulenti esterni ghandhom iwasslu b'mod awtomatiku ghar-rifjut jew approvazjoni tal-permess.

Illi kull proposta tal-izvilupp li titressaq quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar tigi deciza skont il-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Bord jew il-Kummissjoni tal-Ippjanar skont il-kaz, u mhux millkonsulenti esterni, li ghandhom rwol konsultattiv fil-process tal-applikazzjoni. Jista' jkun li ebda konsulent estern ma jkollu oggezzjoni ghall-proposta tal-izvilupp li titressaq quddiem l-Awtorita' talIppjanar, pero' dan ma jfissirx li l-istess proposta ma tistax tkun wahda oggezzjonabbli u ma jfissirx li l-istess proposta ma tistax tkun wahda li tmur manifestament kontra l-policies u r-regoli talippjanar applikabbli. It-Tribunal, b'rabta ma' dan, jaghmel referenza wkoll ghal Regolament 9 tal-ligi sussidjarja 552.13 li fiha hemm dispost hekk kif gej:
"Rakkomandazzjonijiet minn konsulenti esterni, konsulenti oħra u dikjarazzjonijiet millKumitat ta' Konsulenza dwar l-Agrikoltura u l-Kumitat ta' Konsulenza dwar id-Disinn ma jorbtux id-deċiżjoni finali tal-Bord tal-Ippjanar. Meta ir-rakkomandazzjoni talkonsulenti esterni u, jew tal-konsulenti oħra tindika approvazzjoni suġġetta għal kondizzjoni li permess ulterjuri jkun meħtieġ mill-konsulent estern inkwistjoni u, jew mill-konsulenti loħra, u l-Bord tal-Ippjanar jiddeċiedi li joħroġ il-permess ta'żvilupp, il-Bord għandu jinkludi l-kondizzjoni li titlob permess ulterjuri mingħand il-konsulent inkwistjoni u, jew mill-konsulent estern bħala parti mill-permess ta' żvilupp." [enfasi mizjuda mit-Tribunal]

Illi kif gie kkunsidrat hawn supra, fil-kaz odjern jirrizulta li l-approvazzjoni finali talKummissjoni tal-Ippjanar kienet imsejsa fuq evalwazzjoni tal-proposta min-naha tacChairperson Ezekuttiv, li kienet tinkludi konsiderazzjoni tal-kummenti tal-SCH u rapprezentazzjonijiet ohra, kif ukoll konsiderazzjoni tal-pjanijiet u policies applikabli, u talkuntest u commitments tal-madwar, hekk kif wara kollox huwa mitlub fl-Artikolu 72 citat mill-appellanti.
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad it-tieni aggravju.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal applika b'mod skorrett il-policy NHRL06 u NHSE08 tal-pjan lokali u l-artikolu 22 tal-Kap. 552. Isostnu li l-policy NHRL06 imkien ma tghid kif qies it-Tribunal li l-izvilupp irid jestendi fuq il-promenade biex jippregudika l-effetti negattivi fuq l-istess promenade u l-veduti tal-bahar meqjus li l-policy ighidlek li 'temporary and permanent structure that obstruct views to the sea will not be allowed'. B'zieda hemm ksur tal-policy NHSE08 ghaliex l-izvilupp ser ixekkel veduti kulturali billi s-sit imdawwar b'binjiet storici. Il-policies huma site specific li jirregolaw is-sit fejn qed isir l-izvilupp. It-Tribunal applika hazin il-kuncett tal-commitment billi ma qies il-policy rilevanti b'mod strett kif kellu jaghmel. Zvilupp kommess ma ghandux jiddetermina x'isir fil-vicin jekk dan ser imur kontra l-policies. B'zieda ma' dan, struttura fil-vicin inghatat permess qabel id-dhul fis-sehh tal-pjan lokali. Izid li jekk jigi applikat il-konsiderazzjoni tat-Tribunal li tul il-promenade hemm diversi strutturi ohra, dan ser igib fix-xejn dak li jridu s-site specific policies.

Il-Qorti tqis li l-appellant ma ghandux ragun. B'referenza ghal policy NHRL06 jidher li l-oggezzjoni tat-terz hi dwar ir-raba' kriterju dwar strutturi temporanji jew permanenti tul il-promenade. Jirrizulta illi dan il-kriterju jghid li dawn l-istrutturi ma jithallewx jekk qed itellfu mill-veduti tal-bahar. Dan hu kriterju soggettiv mhux oggettiv u t-Tribunal fid-diskrezzjoni moghtija lilu fuq punti fattwali u ta' ippjanar qies li din l-istruttura ma ittellifx mill-veduti tal-bahar. Dan mhux punt legali li din il-Qorti tista' tezamina. It-Tribunal zied li l-kriterji l-ohra tal-policy mhux qed jigu mittiefsa billi l-promenade innifsu mhux qed jigi ostakolat. In kwantu ghal policy NSHE 08 din ukoll torbot rifjut ta' applikazzjoni jekk l-izvilupp ser ikollu impatt negattiv fuq veduti fost ohrajn ta' binjiet skedati jew ta' importanza. Hawn ukoll jekk dan hux minnu jew le hi kwistjoni ta' fatt mhux ta' ligi u t-Tribunal qies li mill-provi u ritratti esibiti ma hemmx hjiel li l-istruttura proposta b'xi mod qed tostakola dawn il-veduti ta' zewg binjiet storici u ta' valur kulturali li jinsabu fuq ix-xaqliba l-ohra tal-izvilupp meqjus l-iskala zghira u

baxxa tal-izvilupp propost. Hawn ukoll din il-Qorti ma ghandhiex vires li tbiddel fehma fattwali li mhix marbuta ma' vjolazzjoni ta' ligi, pjan jew policy.

In kwantu ghall-argument tal-appellanti li saret applikazzjoni hazina tal-artikolu 72 tal-Kap. 552, jinghad li la darba l-aggravji fuq imsemmija qed jigu michuda din il-parti tal-aggravju jitlef is-sahha tieghu ghaliex la darba ebda policy imsemmija fl-aggravji ma giet imxellfa, il-konsiderazzjoni tal-commitment hi irrelevanti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Matthew Aquilina, u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-6 ta' Frar 2025, spejjez ghall-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur